Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 314 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Roderick Agius

Vs

Maria Rosaria Bartolo

Illum 31 ta' Jannar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Maria Rosaria Bartolo detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 679358 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Frar, 2016 u fix-xhur precedenti gewwa residenza 42, Casa Bartolo, Triq Antonio Muscat Fenech, Hal-Qormi, minghajr hsieb li tisraq izda biss biex tezercità jedd li tippretendi li ghandha; gieghlet bl-awtorita taghha nnffisha billi fixklet lil hutha fil-pussess ta' hwejjighom b' xi mod iehor kontra l-Ligi jew indahlet fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Lulju, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja. Immultatha €500 u wara li rat l-Artikolu 377 (5) tal-Kap 9 ordnatilha li thehhi l-inkonvenjent sa ghada f' nofsinhar u fin-nuqqas tawtorizza lill-pulizija tnehhi l-inkorvenjent a spejjez tal-hatja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Maria Rosaria Bartolo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Lulju, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn l-imputazzjoni li biha giet imharrka.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. L-ewwel Aggravju

Illi r-reat ta' ragion fattasi huwa wiehed ta' natura kommissiva u ghalhekk indubjament ghandu jinvolvi azzjoni pozittiva da parti tal-appellanti li allegatament grat fi zmien u lok partikolari. Johrog mill-provi illi l-allegat fatt li fuqu saret l-akkuza sehh ftit ta' zmien wara li kienet giet nieqsa omm il-kwerelanti u l-appellanta. Fil-fatt kemm fl-affidavit tal-pulizija jissemma l-15 ta' Mejju, 2015 u anke fix-xhieda tal-kwerelanti dakinhar tas-seduta issir referenza ghal Mejju u Gunju, 2015. Apparti dan, l-imputata giet moghtija t-tahrika dakinhar tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati 'l ghaliex ghal dik is-seduta hija kienet nofifikata biss bir-referta tad-diferiment tal-kaz li kien imholli ghan-notifika tal-imputata mis-seduta ta' qabel. Anness mmarkata ma' dan l-appell kopja tar-referta Dok. A.

Ghalhekk bejn l-allegata kommissjoni tal-att tar-reat u n-notifika tat-tahrika ghaddew ftit iktar minn sentejn liema zmien jaghti lok li l-azzjoni kriminali tigi preskritta ghal dan it-tip ta reat. Ghalhekk fuq dan il-punt din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera lill-esponenti.

2. It-Tieni Aggravju

Minghajr pregudizu ghas-suespost, u bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti; l-fatti kif imsemmija fl-ewwel aggravju ma jaqblux ma dak illi hemm imnizzel fit-tahrika mahruga kontra l-appellanti. Fit-tahrika tissemma d-data ta "Frar 2016" ma liema data ma giet abbinata li gara l-ebda fatt minn naha tal-appellanti li fuqu tista' tinstab xi forma ta' htija fuqha. Kif ga inghad ir-reat ta' raggion fattasi huwa reat ta' kommissjoni u kien sta ghal prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi x'

kien l-att estern maghmul mill-appellanti sabiex jissustixxi dan ir-reat liema agir jrid jinkwadra ruhhu fi zmien partikolari.

Johrog bic-car ghalhekk li ma kien hemm l-ebda kongruwita bejn id-data li giet imsemnija fit-tahrika u dik li giet ipprovata fix-xhieda prodotta. Ghal kompletezza it-tahrika ssemmi 'u fix-xhur precedenti' li fl-umli fehma tal-appellanti din m' hijiex bizzejjed biex taqbad iz-zmien li fih kien sar l-allegat reat. Id-data li skond il-kwerelanti kienet id-data li fiha ssustixxa r-reat kienet imsemmija fl-affidavit tal-pulizija u fir-rapport taghhom u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn tidhol data kompletament differenti fit-tahrika li dwarha ma tresqet l-ebda prova. Fuq dan il-punt din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera lill-esponenti.

3. It-Tielet Aggravju

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti taghmel referenza ghall-elementi li kumulattivament jridu jissustixxu. Skond id-definizzjoni tal-Imhallef W. Harding fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App. Krim. 1910 / 1944, Vol. XXMI - W, pg. 768) dawn jinkludu:

a. Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b. L-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c. Ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b' idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d. Li l-att ma jinkwadrax ruhu f' reat aktar gravi;

B' referenza partikolari ghall-ewwel tlett elementi tad-definizzjoni kollha huma abbinati mal-fatt illi jrid jigi ppruvat li l-imputata kkommettiet azzjoni posittiva sabiex jkun jista jigi inkwadrat dan ir-reat ta' raggion fattasi. Tali prova ma saritx u fix-xhieda taghhom l-kwerelanti ma wrew xejn attribwibbli bhala kondotta lill-imputata. Il-parte civile ma gabet l-ebda prova dwar x' setghet ghamlet l-imputata li biha gie mcahhad lilhom l-access ghall-fond imsemmi.

Qed issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Robert Cassar" moghtija mill-Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja datata 3 ta' Ottubru, 2014 fejn fiha intqal hekk:

> "... Bin-nuqqas ta' konsenja da parti tal-imputat ta' tali cwievet lill-parte civile, anke jekk dan graha argomenti setgha sar b' dispett (haga li l-Qorti ma ghandhiex provi dwarha u qed tissemma' ghal fini ta' kompletezza), xorta

> wahda ma jfissirx necessarjament li r-reat ta' ragion fattasi gie integrat bin-nuqqas ta' konsenja tac-cwievet pretizi. ... Issa f' dan il-kaz, anke kif mistqarr mill-parte civile matul it-trattazzjoni taghha, ir-reat tar-raggion fattasi huwa wiehed ta' natura kommissiva u mhux omissiva. Ghal din ir-raguni l-imputazzjoni l-gdida promossa mill-parte civile kontra l-imputat, fil-fehma ta' din l-Qorti ma tistax tirnexxi".

L-prova madre f' dan il-kaz fost elementi ohra huwa rigward l-azzjoni li hadet l-imputata. Mhux talli liema prova fl-umli fehma tal-appellanti ma tilhaqx il-grad rikjest mill-Ligi fil-kamp kriminali izda lanqas biss ingabet ombra taghha. Ghaldaqstant, ab bazi ta' dan din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera lill-esponenti minn kull htija.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tivventila preliminarjament l-aggravvju dwar iz-zmien indikat fl-akkuza dwar meta sehh l-allegat reat billi tishaq illi r-reat ta' ragion fattasi li huwa ta' natura kommissiva u li allura jinvolvi azzjoni pozittiva da parti ta'l-agent gie indikat fic-citazzjoni li sehh zmien wara dak iz-zmien indikat fil-provi li hemm fl-atti.

Issa fl-affidavitipprezentat mill-Prosekuzzjoni kontenenti x-xhieda tal-ufficjal investigattiv PS274 James Turner jirrizulta illi fit-13 ta' Ottubru 2015 kien sarlu rapporti mill-parti leza illi l-appellanti kienet ibblukkatilhom l-access ghal fond 42, Casa Bartolo, Triq Antonio Muscat Fenech, Hal Qormi wirt bejn l-ahwa Bartolo, bl-att kriminuz allegatament jigi irrappurtat li sehh fil-15 ta' Mejju 2015. Kien imbaghad fit-02 ta' Frar 2016 fejn l-pulizija ircevew il-kwerela fejn gew infurmati illi dan l-istat anti-guridiku kien ghadu fis-sehh u sabiex jittiehdu l-passi kriminali necessarji kontra l-appellanti. Illi id-data indikata fic-citazzjoni tirreferi ghal Frar 2016 u ix-xhur precdenti, ghalkemm jirrizulta illi l-ewwel att spoljattiv sehh hafna qabel u cioe' f' Mejju 2015, kwazi sena qabel.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti iz-zmien indikat fl-akkuza meta sehh l-konsumazzjoni tar-reat kien ikun vitali sabiex tirnexxi l-azzjoni penali meta dak ir-reat ikun ta' natura istantanja immaterjalment jekk l-effetti ta'l-istess att kriminuz humiex ta' natura permananti o meno. Issa ir-reat ta' ragion fattasi, ghalkemm inizzjat b'att pozittiv jew negattiv li iwassal ghal konsumazzjoni tieghu, madanakollu ma jistax jinghad illi dak ir-reat ghandu jitqies bhala wiehed istantanju gjaldarba l-azzjoni

kriminali ma tigiex ezawrieta ghaliex il-konsumazzjoni tieghu jibqa' fis-sehh kemm il-darba l-agent b'azzjoni tieghu voluta u pozittiv ma iwaqqafx dak l-istat antiguridiku maghmul minnu biex b'hekk ir-reat jassumi karattru ta' natura permanenti u mhux iktar istantanju. Illi d-distinzjoni fina bejn in-natura tar-reat istantanju u permanenti gew definiti f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza Il-Pulizija vs Carlo Stivala (deciza 20/09/2007) fejn gie hekk deciz:

*"Il-kriterju jew kriterji li toffri d-duttrina ghalbiex jigi deciz, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, jekk ir-reat hux wiehed istantanju jew permanenti gew imfissra mill-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qorti tal-Magistrati) fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 1960 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri . F'din is-sentenza, il-kompjant Imhallef Guze` Flores kien qal hekk:*

***"...fir-reat istantanju, fil-mument stess li jikkonkorru l-elementi kostituttivi tieghu, ir-reat huwa konsumat u ezawrit, allavolja jibqghu l-effetti tal-vjolazzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz ta' omicidju, lezjonijiet personali, serq. Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, l-istess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa' stat ta' konsumazzjoni sa kemm jibqa' fil-poter tal-agent li jwaqqaf, b'mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta' sekwestru tal-persuna, pussess illegali ta' armi. Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni taljana (Repertorio, 1952, col. 2300): 'Il reato istantaneo con effetto permanente si concreta in un unico atto di volonta` seguito da una situazione antigiuridica che si protrae indipendentemente da un ulteriore atto volitivo dall'agente: mentre nel reato permanente la volonta` criminosa, perdurante oltre il primo momento consumativo del reato, puo` essere fatta cessare dalla stessa volonta` del soggetto attivo.'***

Dan ifisser allura illi ghalkemm huwa minnu illi z-zmien indikat fic-citazzjoni (li f'dan il-kaz iservi bhala *avvizo da comparire*) ma jindikax b'mod preciz l-ewwel mument tal-konsumazzjoni tar-reat, madanakollu billi l-konsumazzjoni ta'l-istess baqa' fis-sehh bl-appellanti tippersisti fl-istat antiguridiku allegatament minnha ikkrejat, iwassal sabiex ir-reat fl-istat permanenti tieghu baqa' fis-sehh anke fiz-zmien indikat fic-citazzjoni. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi allura lanqas l-aggravvju imqanqal mill-appellanti dwar il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali ma tista' tigi milqugha gjaldarba it-terminu tal-preskrizzjoni ta' sentejn kif mahsub fl-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali ma setax jibda jiddekorri kemm il-darba il-konsumazzjoni tar-reat ma kienx ghadu gie ezawriet. L-artikolu 691 tal-Kapitolu 9 jiddisponi b'mod car illi ghar-reati permanenti z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. Ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi finalment l-appellanti tressaq l-aggravvju taghha fil-mertu meta tishaq illi l-elementi legali li isawwru r-reat ta' ragion fattasi ma humiex ippruvati. Issa f'xenarju klassiku ta' *raggion fattasi,* l-awtur tar-reat, bl-azzjonijiet tieghu, jarroga ghalih l-poteri ta'l-awtoritajiet gudizzjarju sabiex jiehu dak li jippretendi li ghandu jedd ghalih.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et." (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[1].

Illi l-fattispecje tal-kaz huma piuttost semplici. Il-parti leza Giorgina Balbi tikkontendi illi qabel il-mewt tal-gentituri taghha, id-dar residenzjali taghhom kienet giet maqsuma sabiex l-appellanti inghatat parti minn dik id-dar sabiex tirrisjedi fiha. Illi l-genituri taghha baqghu ighixu fil-pjan ta' isfel tar-residenza, izda qatt ma gie imbarrat l-access bejn dawn iz-zewg ambjenti. Balbi tikkontendi illi kemm qabel kif ukoll wara il-mewt ta' ommha hija kellha fil-pussess taghha c-cavetta tad-dar taghhom u kienet taccedi fil-fond regolarment. Tikkontendi illi baqghet taghmel dan sakemm l-access ghal din id-dar gie imbarrat minn naha ta' gewwa. Jidher ukoll illi wara l-mewt ta'l-omm xi hadd mill-ahwa werrieta wera ix-xewqa li jakkwista ir-

[1] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004

residenza tal-genituri u cioe' dik il-parti fejn dawn kienu jirrisjedu, izda l-appellanti oggezzjonat ghal dan. Wara dan l-iskontru bejn l-ahwa il-bieb ta' barra gie imbarrat minn naha ta' gewwa u Balbi ma setghetx taccedi fil-fond aktar.

Issa l-appellanti tishaq illi ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi kienet hi li imbarrat l-access kif allegat. Illi din il-Qorti ma tistax taghtiha ragun. Ibda biex minn naha ta' gewwa ta' din ir-residenza jidher illi kienet biss l-appellanti li kellha access ghal bieb ta' barra billi l-ambjenti fejn hija tqoghod huma accessibbli ghal din id-dar. Mhux biss izda meta giet mitkellma mill-pulizija a tempo vergine hija ikkonfermat illi kienet hi li wettqet l-att spoljattiv.

Gie ritenut illi :

**"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.**[2]"

Fuq kollox:

**"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*."**

Illi ma hemmx dubbju illi l-appellanti ma kenitx qed taqbel mad-decizjoni tal-werrieta illi il-fond fejn kienu ighixu il-genituri taghha jigi akkwistat minn wiehed mill-ahwa ghaliex kellha interess fih hi. Ghalhekk sabiex izzomm lil dawn in-nies milli jipprocedu f'din it-triq hija ghazlet li tiehu il-ligi b'idejha minflok tirrikorri lejn l-awtoritajiet gudizzjarji sabiex tezercta l-jeddijiet taghha.

Illi gie deciz:

***"Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett.[3]".***

---

[2] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

[3] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998

Illi gie ippruvat illi Georgina Balbi kellha cavvetta ta' dan il-fond l-ewwel bil-kunsens tal-genituri taghha li kienu is-sidien tal-fond u wara mewthom bil-kunsens tal-werrieta hutha l-ohra. Hija kienet taccedi f'dan il-fond b'mod regolari sabiex tiehu hsieb l-istess dar. Dan l-istat ta' fatt gie mibdul bl-att volut u pozittiv tal-appellanti sabiex b'hekk ir-reat ta' ragion fattasi ra it-twelid tieghu, liema reat ghadu sal-lum jigi ikkunsmat bl-istat antiguridiku jibqa fis-sehh. Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-ahhar aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud, is-sentenza appellata ikkonfermata, bit-terminu indikat fis-sentenza appellata sabiex jitnehha l-istat antiguridiku jibda isehh mil-lum.

Edwina Grima

Imhallef